MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 75/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fiona Marie Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Fiona Marie Aquilina talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att) fl-10 ta' Frar 2009 gewwa North Country Bar and Restaurant, Triq il-Misrah, Bahrija, provdiet jew offriet li tipprovdi lil persuna ohra u/jew esponiet ghall-bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn *cash register* fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur

tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77(o) u 82 ta' l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 9 [*recte:* 406] tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Fiona Marie Aquilina hatja u kkundannatha seba' mitt euro (€700) multa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Fiona Marie Aquilina pprezentat fl-1 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata *in toto* u kwindi tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi meta l-ewwel Qorti ccitat l-artikoli li tahthom kienet qed issib htija, hija ccitat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 9. Evidentement dan huwa zbaljat peress illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija migjuba taht il-ligi tal-VAT (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux taht il-Kodici Kriminali. Din il-kwistjoni timpingi fuq il-validita` o meno tas-sentenza appellata, u tista' titqajjem, kif qieghda titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Kif osservat, l-ewwel Qorti ccitat artikoli taht ligi differenti minn dik li tahtha l-appellanti giet akkuzata. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Kwindi din il-Qorti qed tannulla l-imsemmija sentenza u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, sejra tghaddi biex tittratta l-kaz mill-gdid hi stess.

Is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li hija mhijiex registrata wahedha ghall-finijiet tan-negozju in kwistjoni izda hemm persuna ohra; (2) li fid-data u hin in kwistjoni ma pprovdiet jew offriet li tipprovdi jew esponiet ghall-bejgh ebda oggetti lil persuna ohra; (3) li hija ghamlet dak kollu possibbli fic-cirkostanzi sabiex tkun konformi mal-ligi; (4) li hija ma kellha ebda *mens rea* peress li sa ftit jiem qabel ma marru l-ispetturi, gibdet l-attenzjoni tad-Dipartiment ghall-fatt li ghadha bla certifikat u kwindi bla kotba biex topera, u bdiet topera b'numru tal-VAT iehor sa ma d-Dipartiment jaghtiha n-numru u c-certifikat relattiv.

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni, l-appellanti m'ghandhiex ragun. Skond il-ligi tal-VAT, kull persuna registrata hi responsabbli biex tara li d-dmirijiet taghha skond dik il-ligi huma osservati. Il-fatt li hemm persuna ohra registrata maghha ghall-finijiet tan-negozju in kwistjoni ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` ta' l-appellanti.

Kwantu ghat-tieni sottomissjoni, mix-xiehda ta' l-ispettur tal-VAT Carmel Dimech jirrizulta illi meta hu u Warren Scicluna accedew fil-hanut in kwistjoni kien hemm nies qeghdin jieklu u nies ohrajn jistennew l-ikel. Jigifieri servizz kien qieghed jigi provdut.

Kwantu ghat-tielet u raba' sottomissjonijiet, ma tidher li hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt ilmentat minnu mill-appellanti li meta rceviet ic-certifikat tal-VAT dan kien zbaljat billi isimha u isem il-hanut ma kinux indikati korrettement. Dan naturalment ma kienx jezimiha mill-

obbligu li tipprovdi rcevuti fiskali lil min jaghmel uzu mis-servizz tal-hanut taghha. L-appellanti tghid li hija mxiet ezatt kif qaltilha wahda mill-iskrivani tad-Dipartiment tal-VAT, u cioe` li sakemm jinhargilha certifikat korrett, tibqa' topera b'numru tal-VAT temporaneju li kien tal-partner taghha Reuben Formosa.

Din il-Qorti pero` ma tistax ma tosservax nuqqasijiet da parti ta' l-appellanti. *Ex admissis* tghid illi ma kinitx originarjament talbet kotba ta' l-ircevuti ghax hadd ma qalilhom li jridu japplikaw ghalihom. Issa, min ikun se jibda negozju jrid jottjeni l-informazzjoni kollha necessarja. L-appellanti kienet taf illi trid taghti rcevuti fiskali u ghalhekk kellha tassigura ruhha li jkollha tali kotba. Ciononostante ma jirrizultax li saqsiet dwarhom ghax hasbet li dawn jinhargu awtomatikament meta jinhareg ic-certifikat. Lanqas ma jirrizulta illi hadet passi biex tirranga l-*cash register* li tghid illi kien bin-numru tal-VAT tal-partner taghha. U dan minbarra illi meta accedew l-ispetturi tal-VAT fil-hanut taghha l-*cash register* ma kienx qed jahdem. Ta' min jghid ukoll illi, filwaqt illi l-appellanti tghid li kienu qeghdin jirrallaxjaw ircevuti mill-kotba ta' l-ircevuti fiskali tal-partner tahha, mix-xiehda ta' Carmel Dimech ma jirrizultax li fil-gurnata in kwistjoni hija wrietu dawn il-kotba ta' l-ircevuti. Fil-fatt dawn il-kotba lanqas ma ntwerew lill-Qorti bhala prova illi fl-10 ta' Frar 2009 gew rilaxxati tali rcevuti. L-appellanti kienet qed tinsisti sabiex jinhareg certifikat bid-dettalji korretti izda ma kinitx qed tinsisti sabiex jinhargulha l-kotba ta' l-rcevuti.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti tirrizulta pruvata, b'dan illi fic-cirkostanzi u tenut kont il-fedina penali netta ta' l-appellanti, il-piena ghandha tkun fil-*minimum* taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u, wara li semghet ix-xhieda mill-gdid, u wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imsemmija Fiona Marie Aquilina hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u

tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ seba’ mitt euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------